Nru. 17,627
Prezz 64c
Price 64c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 16 ta' Lulju, 2004
Friday, 16th July, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 788

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 29 imsejjaħ Att ta' l-2004 dwar il-Membri Parlamentari u l-Impjieg Pubbliku.

Is-16 ta' Lulju, 2004

Nru. 789

ĦATRA TA' DIRETTURI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lill-uffiċjali pubbliċi msemmija hawn taħt fil-kariga ta' Direttur, kif jidher hawn taħt:

GOVERNMENT NOTICES

No. 788

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 29 entitled the Members of Parliament (Public Employment) Act, 2004.

16th July, 2004

No. 789

APPOINTMENT OF DIRECTORS

IN exercise of the powers vested in him by section 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister and Minister of Finance, after consultation with the Public Service Commission, has appointed the under-mentioned public officers to the position of Director, as shown hereunder:

		Data Effettiva *Effective Date*
MINISTERU TAL-FINANZI *MINISTRY OF FINANCE*		
Mr Francis Attard, D.P.A.	Direttur (Implimentazzjoni ta' Programmi) *Director (Programme Implementation)*	16.06.2004
MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ U IMPJIEGI *MINISTRY OF EDUCATION, YOUTH AND EMPLOYMENT*		
Taqsima ta' l-Edukazzjoni *Education Division*		
Mr Alfred Mallia, Dip. (Educ. Mngt.), M.Ed.	Direttur *(Operations)* *Director (Operations)*	16.06.2004

MINISTERU GĦALL-KOMPETITTIVITÀ U KOMUNIKAZZJONI
MINISTRY FOR COMPETITIVENESS AND COMMUNICATIONS

Taqsima tal-Kummerċ
Commerce Division

Ms Michelle Bonello, B.A. (Hons.) Bus. Mngt.	Direttur (Reġistrazzjoni ta' Proprjetà Industrijali) *Director (Industrial Property Registration)*	16.06.2004

MINISTERU TA' L-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT
MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

Mr Joseph Degiorgio	Direttur (Affarijiet dwar l-Unjoni Ewropea) *Director (EU Affairs)*	09.06.2004

Is-16 ta' Lulju, 2004

Nru. 790

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAPITOLU 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
09. 07. 04	Lm4.54c6	8c2
12. 07. 04	Lm4.56c4	8c3
13. 07. 04	Lm4.57c7	8c4
14. 07. 04	Lm4.51c6	8c2
15. 07. 04	Lm4.54c3	8c5

Is-16 ta' Lulju, 2004

16th July, 2004

No. 790

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CHAPTER 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

16th July, 2004

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 64

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u waqfien ta' vetturi se jkun projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Birgu

Nhar is-Sibt, il-31 ta' Lulju 2004, mis-7.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Rebħa, Sant'Anton, iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa, il-Ħabs l-Antik, il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur, Hilda Tabone, il-Mistral, in-Nofsinhar, il-Mina l-Kbira, il-Palazz ta' l-Isqof, il-Kwartier u t-Torri San Ġwann.

Nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Awissu 2004, mis-7.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Rebħa, La Valette, il-Miratur, l-Antika, il-Foss, id-Dejqa, Telgħat il-Foss, il-Kwartier, it-Torri San Ġwann u l-Mina l-Kbira.

Nhar is-Sibt, is-7 ta' Awissu 2004, mis-7.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Rebħa, Desain u l-Mina l-Kbira.

Nhar il-Ħadd, it-8 ta' Awissu 2004, mis-7.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Rebħa, Desain, il-Kardinal, San Lawrenz, Nestu Laviera, San Filippu, La Valette u l-Mina l-Kbira.

Nhar it-Tnejn, id-9 ta' Awissu 2004, mit-8.00 a.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: quddiem il-Knisja ta' San Lawrenz, Nestu Laviera, Misraħ ir-Rebħa, il-Mina l-Kbira, it-Torri San Ġwann, il-Kwartier, Pacifico Scicluna, il-Kwartier, Hilda Tabone, Santa Skolastika u San Filippu.

Nhar it-Tnejn, id-9 ta' Awissu 2004, mis-7.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Rebħa, Hilda Tabone, il-Kwartier, Pacifico Scicluna, Biswiet il-Kwartier, it-Torri San Ġwann, il-Mina l-Kbira u Boffa.

Nhar it-Tlieta, l-10 ta' Awissu 2004, mis-7.00 p.m. 'il quddiem minn Misraħ ir-Rebħa u l-Mina l-Kbira.

Nhar l-Erbgħa, il-11 ta' Awissu 2004, mis-7.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ ir-Rebħa, il-Mina l-Kbira, Nestu Laviera u San Lawrenz.

Vetturi ma jistgħux jipparkjaw fit-toroq indikati fid-dati u l-ħinijiet imsemmija.

Vetturi pparkjati jistgħu jiġu rmunkati.

Is-16 ta' Lulju, 2004

POLICE NOTICE

No. 64

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Vittoriosa

On Saturday, 31st July 2004, from 7.00 p.m. onwards through the following streets: Misraħ ir-Rebħa, Sant'Anton, iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa, il-Ħabs l-Antik, il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur, Hilda Tabone, il-Mistral, in-Nofsinhar, il-Mina l-Kbira, il-Palazz ta' l-Isqof, il-Kwartier and it-Torri San Ġwann.

On Friday, 6th August 2004, from 7.00 p.m. onwards through the following streets: Misraħ ir-Rebħa, La Valette, il-Miratur, l-Antika, il-Foss, id-Dejqa, Telgħat il-Foss, il-Kwartier, it-Torri San Ġwann and il-Mina l-Kbira.

On Saturday, 7th August 2004, from 7.00 p.m. onwards through the following streets: Misraħ ir-Rebħa, Desain and il-Mina l-Kbira.

On Sunday, 8th August 2004, from 7.00 p.m. onwards through the following streets: Misraħ ir-Rebħa, Desain, il-Kardinal, San Lawrenz, Nestu Laviera, San Filippu, La Valette and il-Mina l-Kbira.

On Monday, 9th August 2004, from 8.00 a.m. onwards through the following streets: infront of St Lawrence Church, Nestu Laviera, Misraħ ir-Rebħa, il-Mina l-Kbira, it-Torri San Ġwann, il-Kwartier, Pacifico Scicluna, il-Kwartier, Hilda Tabone, Santa Skolastika and San Filippu.

On Monday, 9th August 2004, from 7.00 p.m. onwards through the following streets: Misraħ ir-Rebħa, Hilda Tabone, il-Kwartier, Pacifico Scicluna, Biswiet il-Kwartier, it-Torri San Ġwann, il-Mina l-Kbira and Boffa.

On Tuesday, 10th August 2004, from 7.00 p.m. onwards through Misraħ ir-Rebħa and il-Mina l-Kbira.

On Wednesday, 11th August 2004, from 7.00 p.m. onwards through the following streets: Misraħ ir-Rebħa, il-Mina l-Kbira, Nestu Laviera and San Lawrenz.

Vehicles are not allowed to be parked on the mentioned dates and times at the indicated streets.

Vehicles found parked are subject to towing.

16th July, 2004

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 65

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skond l-Avviż Legali 101/97, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat b'seħħ minn nhar il-Ħamis, id-29 ta' Lulju 2004 sal-Ħadd, l-1 ta' Awissu, 2004, iż-żewġ dati inklużi.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u waqfien ta' vetturi se jkunu pprojbiti fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

San Ġwann

Kull moviment ta' vetturi (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar il-Ħamis, id-29 ta' Lulju 2004, bejn is-7.00 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: Felič Borg, iż-Żnuber, ir-Rummien, Vjal in-Naspli, Sqaq Mimosa, l-Ewkaliptus, l-Inħawi taż-Żwejt, Vjal ir-Riħan, Salv. Busuttil, R. Caruana Dingli, l-Istefanotis, il-Gradjoli, il-Qronfla u l-Kappella.

L-istess proċedura tapplika u kull moviment ta' vetturi (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar il-Ġimgħa, it-30 ta' Lulju 2004, bejn is-7.00 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: is-Santwarju, il-Mensija, Santa Margerita, Sqaq Tomna, in-Naxxar, Birkirkara, Sqaq Żbibu, il-Korvu, iċ-Ċieda, it-Torri Ruman, J. F. Marks, in-Naxxar u l-Kappella.

L-istess proċedura tapplika u kull moviment ta' vetturi (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar is-Sibt, il-31 ta' Lulju 2004, bejn is-7.00 p.m. u s-1.00 a.m. minn Triq il-Kappella u Triq in-Naxxar.

L-istess proċedura tapplika u kull moviment ta' vetturi (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar il-Ħadd, l-1 ta' Awissu 2004, bejn id-9.00 a.m. u l-4.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: San Ġużepp, San Ġiljan, it-Trunċiera t-Twila, San Ġwann ta' l-Għargħar, il-Mensija, Santa Margerita, Bernardette, il-Kapuċċini, il-Kunċizzjoni, in-Naxxar u l-Kappella.

L-istess proċedura tapplika u kull moviment ta' vetturi (passaġġ u parkeġġ) huwa pprojbit nhar il-Ħadd, l-1 ta' Awissu 2004, bejn il-5.30 p.m. u nofsillejl mit-toroq li ġejjin: in-Naxxar, il-Mensija, Bernardette, Sant'Antnin, il-Kunċizzjoni, in-Naxxar u quddiem il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġwann.

Is-16 ta' Lulju, 2004

POLICE NOTICE

No. 65

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated with effect from Thursday 29th July 2004 up to Sunday, 1st August 2004, both days inclusive.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

San Ġwann

All traffic movements (transit or parking) is prohibited on Thursday, 29th July 2004, between 7.00 p.m. and midnight through the following streets: Felič Borg, iż-Żnuber, ir-Rummien, Vjal in-Naspli, Sqaq Mimosa, l-Ewkaliptus, taż-Żwejt Area, Vjal ir-Riħan, Salv. Busuttil, R. Caruana Dingli, l-Istefanotis, il-Gradjoli, il-Qronfla and il-Kappella.

The same procedure shall apply and all traffic movement (transit or parking) is prohibited on Friday, 30th July 2004, between 7.00 p.m. and midnight through the following streets: is-Santwarju, il-Mensija, Santa Margerita, Sqaq Tomna, in-Naxxar, Birkirkara, Sqaq Żbibu, il-Korvu, iċ-Ċieda, it-Torri Ruman, J. F. Marks, in-Naxxar and il-Kappella.

The same procedure shall apply and all traffic movement (transit or parking) is prohibited on Saturday, 31st July 2004, between 7.00 p.m. and 1.00 a.m. through Triq il-Kappella and Triq in-Naxxar.

The same procedure shall apply and all traffic movement (transit or parking) is prohibited on Sunday, 1st August 2004, between 9.00 a.m. and 4.00 p.m. through the following streets: San Ġużepp, San Ġiljan, it-Trunċiera t-Twila, San Ġwann ta' l-Għargħar, il-Mensija, Santa Margerita, Bernardette, il-Kapuċċini, il-Kunċizzjoni, in-Naxxar and il-Kappella.

The same procedure shall apply and all traffic movement (transit or parking) is prohibited on Sunday, 1st August 2004, between 5.30 p.m. and midnight through the following streets: in-Naxxar, il-Mensija, Bernardette, Sant'Antnin, il-Kunċizzjoni, in-Naxxar and infront of San Ġwann's Parish Church.

16th July, 2004

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 66

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 101/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala żoni ta' rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-Artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ta' Xbiex/l-Imsida

Nhar il-Ħadd, it-18 ta' Lulju 2004 mis-6.00 p.m. sas-1.00 a.m. it-toroq li ġejjin se jkunu magħluq għat-traffiku:

Rue D'Argens tingħalaq temporanjament waqt li l-purċissjoni tkun għaddejja minn din it-triq.

Traffiku ġej minn Triq Testaferrata jiddawwar lejn Triq Enrico Mizzi.

Traffiku ġej minn Triq Enrico Mizzi jiddawwar biex jaqsam Rue D'Argens lejn Triq il-Mina tat-Torri sar-*roundabout* ta' Tal-Qroqq.

Traffiku ġej mix-Xatt ta' Ta' Xbiex lejn l-Imsida (Manhattan Restaurant), ma jitħalliex jgħaddi lejn il-Knisja ta' l-Imsida minħabba li se tkun magħluqa.

Traffiku ma jitħalliex jgħaddi mix-Xatt ta' Ta' Xbiex mill-Yacht Marina tal-Gżira.

Triq Mons. Dandria u Triq Antonio Sciortino, it-tnejn fl-Imsida u Triq il-Kosbor f'Ta' Xbiex, it-tlieta li huma jaqsmu Triq Princess Margaret se jkunu magħluqa għat-traffiku. L-istess japplika għat-toroq li ġejjin: il-Knisja, il-Parroċċa, Mons. Falzon, il-Ġdida, il-Magna ta' l-Isserrar u t-Tajjar.

Residenti tat-toroq imsemmija li jkollhom il-Karta ta' l-Identità tagħhom jitħallew jgħaddu.

Triq l-Imsida, l-Imsida, se tkun magħluqa temporanjament meta l-purċissjoni tgħaddi minn din it-triq. Terġa' tinfetaħ għat-traffiku ħekk kif il-purċissjoni tasal ix-Xatt ta' l-Imsida. Sa dak il-ħin traffiku ġej mid-direzzjoni ta' Birkirkara jiġi mgħoddi mill-*By-Pass* ta' St Venera u traffiku ġej mid-

POLICE NOTICE

No. 66

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 101/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zone areas as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Ta' Xbiex/Msida

On Sunday, 18th July 2004 from 6.00 p.m. till 1.00 a.m., the following roads will be closed to traffic:

Rue D'Argens will be temporalily closed whilst the processions proceeds along this road.

Traffic coming from Triq Testaferrata will be deviated to Triq Enrico Mizzi.

Traffic coming from Triq Enrico Mizzi will be deviated to cross Rue D'Argens towards Triq il-Mina tat-Torri up to Tal-Qroqq roundabout.

Traffic coming from Ta' Xbiex Seafront towards Msida (Manhattan Restaurant), will not be allowed to pass through towards Msida Church as it will be closed.

Traffic will not be allowed to pass to Ta' Xbiex Seafront from Gżira Yacht Marina.

Triq Mons. Dandria and Triq Antonio Sciortino, both situated at Msida and Triq il-Kosbor situated at Ta' Xbiex, all three which intersect with Triq Princess Margaret will be closed to traffic. The same applies to the following streets: il-Knisja, il-Parroċċa, Mons. Falzon, il-Ġdida, il-Magna ta' l-Isserrar and it-Tajjar.

Residents of the streets mentioned carrying their Identity Card wll be allowed to pass.

Triq l-Imsida, Msida, will be temporarily closed when the procession proceeds along this road. It will be opened again to traffic as soon as the procession reaches Msida Seafront. Until then, traffic coming from the direction of Birkirkara will be deviated to St Venera By-Pass and traffic coming from

direzzjoni ta' l-Imsida jiġi mgħoddi għal Triq Mikiel Anton Vassalli (mit-telgħa lejn triq Reġjonali).

Għalhekk mis-6.00 p.m. sas-1.00 a.m. ix-Xatt ta' Ta' Xbiex mill-Manhattan Restaurant sal-Knisja ta' l-Imsida se jkun magħluq għat-traffiku u jista' jintuża biss minn nies bil-mixi.

Is-sewwieqa huma mitluba jieħdu nota ta' dan l-għeluq biex titnaqqas il-konġestjoni.

Raħal Ġdid

Nhar il-Ġimgħa, it-23 ta' Lulju, is-Sibt, l-24 ta' Lulju u l-Ħadd, il-25 ta' Lulju, 2004 mit-toroq li ġejjin: Pjazza Antoine de Paule u l-Pjazza quddiem iċ-Ċentru tas-Saħħa.

Nhar il-Ħadd, il-25 ta' Lulju, 2004 mis-1.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Pjazza Antoine De Paule, Ħal Luqa, Ħal Tarxien, il-Lampuka u Żabbar.

Vetturi li jinstabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmonkati.

Is-16 ta' Lulju, 2004

the direction of Msida will be deviated to Triq Mikiel Anton Vassalli (up hill towards Triq Reġjonali).

Thus as from 6.00 p.m. till 1.00 a.m. Ta' Xbiex Seafront from the Manhattan Restaurant up till Msida Church will be closed to traffic and used only by pedestrians.

Drivers are requested to take note of these closures to minimize congestions.

Paola

On Friday, 23rd July, Saturday, 24th July and Sunday, 25th July, 2004 through the following streets: Pjazza Antoine De Paule and Square opposite Health Centre.

On Sunday, 25th July, 2004 from 1.00 p.m. onwards through the following streets: Pjazza Antoine De Paule, Ħal Luqa, Ħal Tarxien, il-Lampuka and Żabbar.

Vehicles found in contravention of this notice are subject to be towed.

16th July, 2004

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 44 ta' l-2004

Tellieqa bil-Windsurfing madwar Kemmuna

Il-Gozo Sailing Club se jorganizza tellieqa bil-*laser dinghies* u *windsurfers* madwar Kemmuna fil-25 ta' Lulju, 2004 bejn is-1.00 p.m. u s-6.00 p.m.

L-inġenji jitilqu u jaslu fĦondoq ir-Rummien. Ir-rotta eżatta madwar Kemmuna tiġi determinata dakinhar li ssir it-tiġrija skond il-kundizzjonijiet tat-temp li jkun hemm.

Minħabba dan ta' hawn fuq, baħħara li jkunu jbaħħru qrib Kemmuna għandhom joqogħdu attenti u jżommu 'l bogħod meta jaraw il-*laser dinghies* jew *windsurfers* fid-data u l-ħinijiet msemmija hawn fuq.

Chart affettwata: BA 2537, 194.

Is-16 ta' Lulju, 2004

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 44 of 2004

Windsurfing Race Around Comino

The Gozo Sailing Club will be organizing a laser dinghies and windsurfing race around Comino on 25th July 2004 between 1.00 p.m. and 6.00 p.m.

The craft will depart and finish at Ħondoq ir-Rummien. The exact route around Comino will be determined on the date of the event subject to the prevailing weather conditions.

In view of the above, mariners navigating close to Comino are to keep a sharp lookout and to give a wide berth when the laser dinghies or windsurfers are sighted on the date and time mentioned above.

Chart effected: BA 2537, 194.

16th July, 2004

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 45 ta' l-2004

Logħob tan-Nar fil-Bajja ta' Wied il-Għajn

Se jsir logħob tan-nar minn fuq barkun irmiġġat fil-parti ta' ġewwa tal-Bajja ta' Wied il-Għajn. Il-barkun se jkun irmiġġat nhar is-Sibt, l-24 ta' Lulju 2004 u l-logħob tan-nar se jinħaraq bejn is-Sibt, l-24 u l-Ħadd, il-25 ta' Lulju, 2004.

L-inġenji tal-baħar u l-għawwiema kollha huma mwissija biex iżommu 'l bogħod mill-inħawi matul il-wirijiet hawn fuq imsemmija.

L-inġenji kollha li jkunu jbaħħru fil-parti ta' ġewwa nett tal-Bajja ta' Wied il-Għajn għandhom jimxu b'attenzjoni u bil-mod.

Chart effettwata BA 2538

Is-16 ta' Lulju, 2004

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 45 of 2004

Fireworks Display at Marsascala Bay

A fireworks display will be let off from a barge moored at the inner part of Marsascala Bay. The barge will be moored on Saturday, 24 July 2004 and fireworks will be let off between Saturday, 24th and Sunday, 25th July, 2004.

All craft and bathers are warned to keep clear from the firing site during the above mentioned displays.

All craft navigating in the inner most part of Marsascala Bay are to proceed with caution and at a slow speed.

Chart affected BA 2538.

16th July, 2004

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 46 ta' l-2004

Xogħol ta' Manutenzjoni fuq il-Pipeline taħt il-Baħar għall-Ilma tax-Xorb fil-Fliegu tan-Nofsinhar ta' Kemmuna

Il-baħħara huma mwissija li, minn nhar it-Tnejn, id-19 ta' Lulju, 2004, se jsir xogħol ta' manutenzjoni fuq il-*pipeline* taħt il-baħar għall-ilma tax-xorb fil-Fliegu tan-Nofsinhar ta' Kemmuna, bejn iċ-Ċirkewwa f'Malta u Wied Ternu f'Kemmuna. Ix-xogħol se jkun ċentrat fil-pożizzjoni:

Latitude (T)	Longitude (L)
35° 59'. 300	14° 20'.433

Ix-xogħlijiet huma mistennija jitlestew sal-Ħamis, id-29 ta' Lulju 2004, jekk it-temp jippermetti.

Dan ix-xogħol se jsir minn għaddasa u jkunu megħjuna minn dgħajsa għax-xogħol ta' 9 metri "Kirby". Id-dgħajsa se tkun ittajjar bandiera "A".

Il-bastimenti u l-inġenji kollha tal-baħar li jkunu jbaħħru fil-Fliegu tan-Nofsinhar ta' Kemmuna għandhom iżommu 'l bogħod minn din id-dgħajsa u jbaħħru b'kawtela u b'veloċità baxxa.

Chart affettwata: BA 211, 2537, 2538

Il-pożizzjoni tirreferi għal WGS 84 Datum.

Is-16 ta' Lulju, 2004

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 46 of 2004

Maintenance Work on Submarine Fresh Water Pipeline in the South Comino Channel

Mariners are warned that, as from Monday 19th July 2004, maintenance work will be carried out on the Submarine Fresh Water Pipeline in the South Comino Channel, between Ċirkewwa in Malta and Wied Ternu in Comino. The work will be centred in position:

Latitude (N)	Longitude (E)
35° 59'. 300	14° 20'.433

The works are expected to be completed by Thursday, 29th July 2004, weather permitting.

This job will be carried out by divers and assisted by the 9-meter workboat "Kirby". The boat will display "A" Flag.

All vessels and craft navigating in the South Comino Channel are to give this boat a wide berth and navigate with caution and at very slow speed.

Chart affected: BA 211, 2537, 2538

Position is referred to WGS 84 Datum.

16th July, 2004

MINISTRU TAS-SAĦĦA, ĦARSIEN TA' L-ANZJANI U L-KOMUNITÀ

Riżultat ta' l-Intervista għall-Postijiet ta' *Senior House Officer* fid-Dipartiment ta' l-Inċidenti u Emerġenza fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, Ħarsien ta' l-Anzjani u l-Komunità

Id-Direttur Ġenerali jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat ta' l-intervista għall-postijiet imsemmija hawn fuq fin-*notice-board* tad-Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Is-16 ta' Lulju, 2004

MINISTRY OF HEALTH, THE ELDERLY AND COMMUNITY CARE

Result of Interview for the Posts of Senior House Officer in the Accident and Emergency Department in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Director General notifies that the result of the interview for the above-mentioned posts may be viewed on the main notice-board in the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

16th July, 2004

DIPARTIMENT TA' L-EDUKAZZJONI

Riżultat ta' l-Intervista għall-Postijiet ta' Assistent Kap ta' l-Iskola (Sekondarja) Għawdex fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

Id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat ta' l-intervista għall-post imsemmi hawn fuq fin-*notice-board* tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, Dipartiment ta' l-Edukazzjoni, il-Furjana, fuq in-*notice-board* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta u fuq in-*notice-board* ta' l-Assistent Direttur ta' l-Edukazzjoni, ir-Rabat, Għawdex.

Is-16 ta' Lulju, 2004

DEPARTMENT OF EDUCATION

Result of Interview for the Posts of Assistant Head of School (Secondary) Gozo in the Education Division

The Department of Education notifies that the result of the interview for the above mentioned post may be viewed on the notice-board of the Education Division, Department of Education, Floriana, on the notice-board of the Public Service Commission, The Palace, Valletta and on the notice-board of the Assistant Director of Education, Victoria, Gozo.

16th July, 2004

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi – *Lecturing Staff*

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jilqa' applikazzjonijiet għal *lecturing staff* li jkun kwalifikat u bl-esperjenza fis-suġġetti li ġejjin

Disinn Tridimensjonali fiċ-Ċeramika
Disinn Tridimensjonali ta' Prodotti
Accounts
Xjenzi Agrikoli

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies – Lecturing Staff

The Malta College of Arts, Science and Technology invites applications for lecturing staff who are qualified and experienced in the following areas:

3D Design for Ceramics
3D Product Design
Accounts
Agricultural Sciences

Ħtiġiet addizzjonali ta' Tagħlim (Ħtiġiet Speċjali))
Ħiliet Bażiċi
Business and Financial Services
Business and Managing Information Systems (full-time jew *part-time)*
Kimika
Commerce and Insurance Studies
Komunikazzjoni
L-Ewwel Snin (Edukazzjoni u Żvilupp tat-Tfal)
Teknika ta' l-Istallazzjoni ta' l-Elettriku
Teknoloġija ta' l-Elettriku
Elettronika
Ingliż/Ingliż għal Skopijiet Speċjali
Ġermaniż (*full-time* or *part-time*)
Graphic Design
Industrial Management
Information and Communication Technology
Malti
Marketing and Business
Matematika
Inġinerija Mekkanika
Meteoroloġija u Matematika Marittima
Inġinerija tal-Vetturi bil-mutur
Tbaħħir u *Chartwork*
Psikoloġija
Sheetmetal/Fabrication Plumbing/Pipework
Ħarsien Soċjali
Soċjoloġija
Xjenza ta' l-Isport

Additional Learning Requirements (Special Needs)
Basic Skills
Business and Financial Services
Business and Managing Information Systems (full-time or part-time)
Chemistry
Commerce and Insurance Studies
Communication
Early Years (Child Education and Development)
Electrical Installation Techniques
Electrical Technology
Electronics
English/English for Special Purposes
German (full-time or part-time)
Graphic Design
Industrial Management
Information and Communication Technology
Maltese
Marketing and Business
Mathematics
Mechanical Engineering
Meteorology and Nautical Mathematics
Motor Vehicle Engineering
Navigation and Chartwork
Psychology
Sheetmetal/Fabrication Plumbing/Pipework
Social Care
Sociology
Sports Science

Dan ifisser li jeħtieġ persunal biex jagħti l-*lectures* motivat ħafna li jħabrek biex jagħmel karriera tajba f'organizzazzjoni li qed tikber b'pass mgħaġġel u li tħares 'il quddiem.

This calls for highly motivated lecturing personnel who are striving to make a good career with a fast-growing and forward-looking organization.

L-applikanti għandhom jibagħtu l-Formola ta' l-Applikazzjoni ta' l-MCAST, li tinkiseb *online* u mill-Uffiċċju tad-Direttur ta' l-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid, mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, is-6 ta' Awissu, 2004 f'nofsinhar. Studenti li jiggradwaw fl-2004 huma mħeġġa biex japplikaw. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati. Aktar informazzjoni tinkiseb mill-indirizz imsemmi qabel.

Applicants should submit the MCAST Application Form, available online and from the Office of the Administrative Director, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola, by not later than Friday, 6th August 2004 at noon. Students graduating in 2004 are encouraged to apply. Late applications will not be considered. If further information is required please refer to the address above.

Permess ta' l-ETC 148/2004

Is-16 ta' Lulju, 2004

ETC Permit 148/2004

16th July, 2004

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Laqgħat għal Studenti Prospettivi u l-Ġenituri Tagħhom

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Talks to Prospective Students and Parents

Data *Date*	Istituti li fihom jsiru l-korsijiet *Courses offered at*	Ħin *Time*	Post *Place*
It-Tlieta 6 ta' Lulju *Tuesday 6th July*	Istitut tat-Teknoloġija ta' l-Informatika u l-Komunikazzjoni *Institute of Information & Communication Technology*	6.30 pm *6.30 pm*	Campus Prinċipali *Main Campus*
L-Erbgħa 7 ta' Lulju *Wednesday 7th July*	Ċentru f'Għawdex *Gozo Centre*	9.30 am *9.30 am*	Triq it-Tiġrija, Xagħra, Għawdex *Triq it-Tiġrija, Xagħra, Gozo*
Il-Ħamis 8 ta' Lulju *Thursday 8th July*	Istitut ta' l-Inġinerija Mekkanika *Mechanical Engineering Institute*	6.30 pm *6.30 pm*	Campus Prinċipali *Main Campus*
Il-Ġimgħa 9 ta' Lulju *Friday 9th July*	Istitut Marittimu *Maritime Institute*	6.00 pm *6.00 pm*	Kalkara *Kalkara*
It-Tnejn 12 ta' Lulju *Monday 12th July*	Istitut ta' l-Agrikummerċ Istitut għas-Servizzi fil-Komunità *Agribusiness Institute* *Community Services Institute*	10.00 am 6.00 pm *10.00 am* *6.00 pm*	Campus Prinċipali (Sala) Campus Prinċipali *Main Campus (Hall)* *Main Campus*
It-Tlieta 13 ta' Lulju *Tuesday 13th July*	Istitut ta' l-Arti u d-Disinn *Art & Design Institute*	9.00 am *9.00 am*	Campus Prinċipali (Sala) *Main Campus (Hall)*
L-Erbgħa 14 ta' Lulju *Wednesday 14th July*	Istitut ta' l-Inġinerija tal-Bini u l-Kostruzzjoni *Building & Construction Engineering Institute*	6.30 pm *6.30 pm*	Campus Prinċipali *Main Campus*
Il-Ħamis 15 ta' Lulju *Thursday 15th July*	Istitut ta' l-Inġinerija Elettrika u Elettronika *Electrical & Electronics Engineering Institute*	6.00 pm *6.00 pm*	Campus Prinċipali *Main Campus*
Friday 16th July *Friday 16th July*	Istitut tan-Negozju u l-Kummerċ *Business & Commerce Institute*	9.30 am *9.30 am*	Campus Prinċipali (Sala) *Main Campus (Hall)*

Dati li fihom jintlaqgħu l-Applikazzjonijiet

Dates of Receipt of Applications

It-Tnejn 26 ta' Lulju *Monday 26th July*	Applikanti li kunjomhom jibda bl-ittri minn A sa C *Applicants with surnames starting A to C*
It-Tlieta 27 ta' Lulju *Tuesday 27th July*	Applikanti li kunjomhom jibda bl-ittri minn D sa M *Applicants with surnames starting D to M*
L-Erbgħa 29 ta' Lulju Wednesday 29th July	Applikanti li kunjomhom jibda bl-ittri minn N sa Z *Applicants with surnames starting N to Z*

Applikazzjonijiet jintlaqgħu bejn it-8.30 a.m. u n-12.30 p.m. Ma jintlaqgħux applikazzjonijiet wara nofsinhar.

Applications are received between 8.30 a.m. and 12.30 p.m. No applications are accepted in the afternoon.

Istitut u Post tar-Reġistrazzjoni	Institute and Place of Registration
Inġinerija Elettrika u Elettronika – Istitut ta' l-Inġinerija Elettrika u Elettronika, Raħal Ġdid *Electrical & Electronics Engineering – Electrical & Electronics Engineering Institute, Paola*	
Negozju u l-Kummerċ – Istitut tan-Negozju u l-Kummerċ, Raħal Ġdid *Business & Commerce – Business & Commerce Institute, Paola*	
Inġinerija Mekkanika – Istitut ta' l-inġinerija Mekkanika, Raħal Ġdid *Mechanical Engineering – Mechanical Engineering Institute, Paola*	
Teknoloġija ta' l-Informatika u l-Komunikazzjoni – Istitut tat-Teknoloġija ta' l-Informatika u l-Komunikazzjoni, Raħal Ġdid *Information & Communication Technology – ICT Institute, Paola*	
Marittimu – Istitut Marittimu, il-Kalkara *Maritime – Maritime Institute, Kalkara*	
Inġinerija tal-Bini u l-Kostruzzjoni – Campus Prinċipali, Raħal Ġdid (Sala) *Building & Construction Engineering – Main Campus, Paola (Hall)*	
Arti u d-Disinn – Campus Prinċipali, Raħal Ġdid (Sala) *Art & Design – Main Campus, Paola (Hall)*	
Servizzi fil-Komunità – Campus Prinċipali, Raħal Ġdid (Sala) *Community Services – Main Campus, Paola (Hall)*	
Agrikummerċ – Campus Prinċipali, Raħal Ġdid (Sala) *Agribusiness – Main Campus, Paola (Hall)*	
Ċentru f'Għawdex – Triq it-Tiġrija, Xagħra, Għawdex *Gozo – Gozo Centre, Xagħra*	
Formoli ta' l-applikazzjoni *self carbonized* jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju ta' l-Informazzjoni u s-Sapport, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid.	Self-carbonized application forms are available from the Information and Support Office, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola.
Studenti Għawdxin li jixtiequ japplikaw għal korsijiet organizzati f'Malta jew Għawdex għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom, flimkien mad-dokumenti meħtieġa, fiċ-Ċentru ta' Għawdex fl-istess ġranet bħall-istudenti Maltin.	Gozitans who wish to apply for courses organized in Malta or in Gozo may submit their application with all the necessary documents in Gozo during the same period as students in Malta.
Applikanti li għal xi raġuni ma jistgħux jiġu bl-applikazzjoni tagħhom fid-dati msemmija, jistgħu jagħmlu dan nhar il-Ħamis jew il-Ġimgħa, id-29 u t-30 ta' Lulju bejn it-8.30 a.m. u n-12.30 p.m.	Any applicants who for some reason cannot submit their application on the above dates may do so on Thursday and Friday 29th and 30th July respectively from 8.30am to 12.30pm.
L-applikanti jistgħu jiddelegaw persuni oħra minflokhom biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom. L-applikazzjoni trid tkun iffirmata mill-applikant u akkumpanjata mid-dokumenti kollha meħtieġa.	Applicants may delegate another person to submit their application as long as the application is signed by the applicant and is accompanied by all necessary documents.
Ma jiġux milqugħa applikazzjonijiet li jaslu wara n-12.30 p.m. tal-Ġimgħa, it-30 ta' Lulju, 2004.	Applications received after 12.30 p.m. on Friday 30th July, 2004 will not be accepted.
Il-persuna li twassal l-applikazzjoni tkun mitluba turi l-Karta ta' l-Identità tagħha.	The person handing in the application the will be asked to present her/his Identity Card.
Is-16 ta' Lulju, 2004	16th July, 2004

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-27 ta' Lulju, 2004, għal:

CT 101/2004. Disinjar u bini ta' implant għat-trattament ta' l-ilma ta' l-iskart urban f'Ta' Mġarr ix-Xini, limiti ta' Għajnsielem, Għawdex, Malta - Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' Lm200 (450 Euros) għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta. Proġett ta' l-E.U. - EuropeAid/117155/D/W/MT *National Pre-Accession Programme 2003 for Malta.*

CT 109/2004. Provvista ta' sistemi ta' ġbir u filtrazzjoni tad-demm – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 110/2004. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *ready mix concrete* għal użu ġenerali u marittimu f'Malta (2005) lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 131/2004. Provvista ta' ġobon (Malta) – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 132/2004. Provvista ta' ħobż (Malta) – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 133/2004. Provvista ta' ħut (Malta) – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 134/2004. Provvista ta' perżut imsajjar (Malta) – Dipartiment tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-5 ta' Awissu, 2004, għal:

CT 130/2004. Tindif tas-siti kollha tal-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) preżentement Corradino Main Campus, Kordin; Villa Portelli, Kalkara; Tarġa Gap, il-Mosta, in-Naxxar, l-Imsida, Tas-Sliema, Ħal Luqa u f'Għawdex - Kulleġġ ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 155/2004. Kuntratt perjodiku għall-provvista ta' *steel wire mesh for concrete reinforcement* lis-Sezzjoni tal-Procurement tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-10 ta' Awissu, 2004, għal:

CT 125/2004. Provvista ta' faxex tal-*crepe 10cm* – Dipartiment tas-Saħħa.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 27th July, 2004, for:

CT 101/2004. Design and construction of an urban waste water treatment plant at Ta' Mġarr ix-Xini, limits of Għajnsielem, Gozo, Malta - Ministry for Gozo. A fee of Lm200 (450 Euros) will be charged for each copy of tender document. E.U. Project - Ref: EuropeAid/117155/D/W/MT National Pre-Accession Programme 2003 for Malta.

CT 109/2004. Supply of blood collection and filtration systems - Department of Health.

CT 110/2004. Period contract for the supply of ready mix concrete for general and maritime use in Malta (2005) to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 131/2004. Supply of cheese (Malta) – Department of Health.

CT 132/2004. Supply of bread (Malta) – Department of Health.

CT 133/2004. Supply of fish (Malta) – Department of Health.

CT 134/2004. Supply of cooked cured ham (Malta) – Department of Health.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 5th August, 2004, for:

CT 130/2004. Cleaning of all Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST) sites presently Corradino Main Campus, Corradino; Villa Portelli, Kalkara; Tarġa Gap, Mosta; Naxxar; Msida; Sliema; Luqa and Gozo - Malta College of Arts, Science and Technology. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

CT 155/2004. Period contract for the supply of steel wire mesh for concrete reinforcement to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 10th August, 2004, for:

CT 125/2004. Supply of bandages crepe 10cm – Department of Health.

CT 126/2004. Provvista ta' *twin bag integrated disconnect system and sterile 3 litre drainage bags* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 127/2004. Provvista ta' ossiġenu mediku *BP* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 139/2004. Provvista ta' *aprotinin 10000KIU/ml* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 140/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *benzyl penicillin 600mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 141/2004. Provvista ta' kapsoli *isontretinoin 20mg* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 142/2004. Provvista ta' bajd (Malta) – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 143/2004. Provvista ta' patata (Malta) – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 144/2004. Provvista ta' injezzjonijiet *oxytocin 10units* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 145/2004. Provvista ta'*typhoid vaccine (parenteral)* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 146/2004. Provvista ta' *powdered soups* (Malta) – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 147/2004. Provvista ta' frott u ħaxix (Malta) – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 148/2004. Provvista ta' *syringes disposable 10cc* – Dipartiment tas-Saħħa.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-12 ta' Awissu, 2004, għal:

CT 154/2004. Xogħlijiet ċivili fil-Biċċerija Ċivili, Għawdex – Ministeru għal Għawdex. Irid jitħallas dritt ta' Lm10 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, id-19 ta' Awissu, 2004, għal:

CT 136/2004. Provvista ta' *total knee prosthesis system* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 156/2004. Provvista ta' *personal load equipment (PLCE)* u *general purpose operations waistcoat, rucksack* u *frame plus ancillary items* – Forzi Armati ta' Malta.

CT 157/2004. Provvista ta' *monocontainers* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 158/2004. Provvista ta' *tar liquid shampoo* – Dipartiment tas-Saħħa.

CT 126/2004. Supply of twin bag integrated disconnect system and sterile 3 litre drainage bags – Department of Health.

CT 127/2004. Supply of medical oxygen BP – Department of Health.

CT 139/2004. Supply of aprotinin 10000KIU/ml - Department of Health.

CT 140/2004. Supply of benzyl penicillin 600mg injections - Department of Health.

CT 141/2004. Supply of isontretinoin 20mg capsules - Department of Health.

CT 142/2004. Supply of eggs (Malta) - Department of Health.

CT 143/2004. Supply of potatoes (Malta) - Department of Health.

